MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2012

Citazzjoni Numru. 99/2009

**Michael Debono Limited**

**Vs**

**Kurt Galea Pace, Carmelo Sammut u Atlas Insurance PCC Limited**

Din hi kawza dwar talba ghall-hlas ta’ €12,195.25 ghal xogholijiet li saru fuq il-vettura Toyota Landcruiser numru LCB 159 li kienet involuta f’incident tat-traffiku li sehh fid-29 ta’ Jannar 2007. Il-vettura kienet registrata f’isem Carmelo Sammut, pero fil-hin tal-incident kienet qeghda tinstaq minn Kurt Galea Pace. Il-kumpannija konvenuta kienet l-assiguratrici tax-xufier tal-vettura l-ohra involuta fl-incident tat-traffiku. Il-kwistjoni hi dwar min mit-tlett

konvenuti ghandu jaghmel tajjeb ghall-hlas. Jirrizulta li fl-4 ta' Gunju 2007 Galea Pace ha lura l-vettura minghand l-attrici[1]. L-attrici qeghda titlob lill-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli u tikkundannahom ihallsu lill-attrici s-somma ta' tnax-il elf mija u hamsa u disghajn ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€12,195.25) jew somma ohra li tigi likwidata mill-qorti, liema hlas jirraprezenta xoghol ta' tiswija li sar fuq il-vettura LCB 159, bl-imghax mid-data tal-hrug tal-kont.

**<u>Risposta ta' Carmelo sive Charles Sammut.</u>**

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, Michael Debono Limited, huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti, stante illi huwa qatt ma' inkariga jew awtorizza lil din is-socjeta` tghamel xi tiswija fil-vettura tal-marka Toyota Land Cruiser bin-numru ta' registrazzjoni LCB 159, u ferm anqas ghax huwa qatt ma'accetta l-obbligu li jhallas ghal din it-tiswija u konsegwentement ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-intimat Carmelo Sammut.
2. Illi huwa mhux proprjetarju tal-karozza fuq imsemmija stante illi din il-karozza kienet proprjeta' ta' Kurt Galea Pace minkejja li kienet ghadha intestata fuq Carmelo Sammut u kull inkarigu hekk inghata, inghata minn terzi persuni u ghalhekk din il-vertenza hija *res inter alios acta* ghalih.
3. Illi referribilment ghat-tielet (3) paragrafu tar-rikors tas-socjeta` rikorrenti, l-intimat jirrileva illi huwa sar jaf sussegwentement wara li saru ix-xogholijiet li dawn ix-xogholijiet gew awtorizzati mis-surveyor tas-socjeta assikuratrici Atlas Insurance PCC Limited u ghalhekk hija din l-istess socjeta` assikuratrici u/jew terzi li, jekk xi ammont huwa dovut, ghandhom ihallsu ghal dawn it-tiswijiet u fornitura ta' spare parts li saru fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` assigurattrici u/jew Kurt Galea Pace illi huwa s-sid ta' l-istess karozza.

[1] Ara *Satisfaction Note* (Dok. JD1 a fol. 96) li biha Galea Pace ddikjara li x-xoghol li sar fuq il-vettura mill-attrici *"...have been completed to my satisfaction."*.

4. Illi tant kienu dawn ix-xogholijiet gew awtorizzati mis-socjeta` assikuratrici Atlas Insurance PCC Limited, li ghalhekk hija obligata li thallas ghalihom, illi s-socjeta` rikorrenti meta tlesta x-xoghol fuq il-vettura numru LCB 159 qatt ma' talbet hlas minghand l-intimat Carmelo sive Charles Sammut u lanqas ma' talbitu jiffirma xi dikjarazzjoni fis-sens illi huwa kellu ikun responsabbli ghal hlas. Il-vettura wara li tlesta x-xoghol giet rilaxxata lill-intimat Kurt Galea Pace fuq semplici firma minn ghandu fuq *Satisfaction Note*. Qatt ma ntalab rilaxx minghand Carmelo sive Charles Sammut stante illi huwa qatt ma ordna illi dawn ix-xogholijiet ghandhom isiru.
5. Illi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn l-atturi u Carmelo Sammut stante illi huwa m'awtorizza l-ebda xogholijiet biex isiru fil-karozza imsemmija u ghalhekk hu m'ghandux ihallas ghal xogholijiet mhux awtorizzati minnu, oltre' l-fatt illi ma jistax jinghad illi huwa ghamel xi arrikkiment indebitu fil-karozza tieghu ghaliex minnha nfisha karozza mahbuta titlef il-valur taghha konsiderevolment u lanqas ma jista' jinghad illi huwa ghamel xi arrikkiment meta l-karozza m'hijiex tieghu imma ta' Kurt Galea Pace u ghalhekk ma jissusistiex interess guridiku tar-rikorrent f'din il-kawza inkonfront ta' l-intimat.
6. Illi kif intqal dawn ix-xogholijiet kienu gew awtorizzati minn Atlas Insurance PCC Limited, is-socjeta assikuratrici tal-persuna li kienet habtet ma' l-intimat f'Attard f' Jannar 2007, u dana kif sejjer jigi spejgat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
7. Illi l-intimat Carmelo Sammut tant ma kellux x'jaqsam ma' dawn ix-xogholijiet li saru fuq il-karozza fuq imsemmija, illi huwa qatt ma awtorizza dawn ix-xogholijiet u wisq inqas iffirma *Satisfaction Note* li *del resto* giet iffirmata minn Kurt Galea Pace. Illi din is-*satisfaction note* giet iffirmata minn Kurt Galea Pace u ghalhekk l-intimat Carmelo sive Charles Sammut ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
8. Illi kien biss wara s-socjeta` assikuratrici, Atlas Insurance PCC Limited, ghar-ragunijiet lila maghrufa, irriffjutat li thallas ghal dawn ix-xogholijiet ta' tiswija, li s-socjeta` rikorrenti ddecidiet titlob il-hlas minghand l-intimati u li taghhom zgur mhux responsabbli l-imsemmi Carmelo sive Charles Sammut.

9. Illi referibilment ghas-sitt (6) paragrafu tad-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti, l-esponenti jirrileva, bla pregudizju ghas-suespost, illi l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti ghax-xoghol u spare parts fornuti minnhom fuq il-vettura numru LCB 159 huwa ezagerat ghal kollox.
10. Illi in vista tal-premess, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjez.

**<u>Risposta ta' Kurt Galea Pace.</u>**

1. Illi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti, Michael Debono Limited, huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti, stante illi huwa qatt ma' inkariga jew awtorizza lil din is-socjeta` tghamel xi tiswija fil-vettura tal-marka Toyota Land Cruiser bin-numru ta' registrazzjoni LCB 159, u fem anqas ghax huwa qatt ma'accetta l-obligu li jhallas ghal din it-tiswija.
2. Illi referribilment ghat-tielet (3) paragrafu tar-rikors tas-socjeta` rikorrenti, l-intimat jirrileva illi dawn ix-xogholijiet gew awtorizzati mis-surveyor tas-socjeta` assikuratrici Atlas Insurance PCC Limited u ghalhekk hija din l-istess socjeta` assikuratrici li, jekk xi ammont huwa dovut, ghandha thallas ghal dawn it-tiswijiet u fornitura ta' spare parts.
3. Illi tant kienu dawn ix-xogholijiet gew awtorizzati mis-socjeta` assikuratrici Atlas Insurance PCC Limited, li ghalhekk hija obligata li thallas ghallihom, illi s-socjeta` rikorrenti meta tlesta x-xoghol fuq il-vettura numru LCB 159 qatt ma' talbet hlas minghand l-intimat u lanqas ma' talbitu jiffirma xi dikjarazzjoni fis-sens illi huwa kellu ikun responsabbli ghal hlas. Il-vettura wara li tlesta x-xoghol giet rilaxxata lill-intimat fuq semplici firma minghandhu fuq *Satisfaction Note*.
4. Illi kif intqal dawn ix-xogholijiet kienu gew awtorizzati minn Atlas Insurance PCC Limited, is-socjeta` assikuratrici tal-persuna li kienet habtet mall-intimat f'Attard f' Jannar 2007, u dana kif sejjer jigi spejgat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
5. Illi l-fatt li l-intimat iffirma *Satisfaction Note* ma' fissirx b'ebda mod illi l-intimat dahal responsabbli ghall-hlas ta' xi kontijiet ta' tiswija. Hija haga normali illi meta jitlesta

xoghol ta' tiswija li gie awtorizzat minn socjeta` assikuratrici tigi iffirmat *Satisfaction Note* ghax hekk biss jista issir il-hlas mis-socjeta` assikuratrici, u dana kif sejjer jigi spejgat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

6. Illi kien biss wara s-socjeta` assikuratrici, Atlas Insurance PCC Limited, ghar-ragunijiet lilha mgharufa, irriffjutat li thallas ghal dawn ix-xogholijiet ta' tiswija, li s-socjeta` rikorrenti ddecidiet titlob il-hlas minghand l-intimat.

7. Illi referibilment ghas-sitt (6) paragrafu tad-dikjarazzjoni tas-socjeta` rikorrenti, l-esponenti jirrileva, bla pregudizzju ghas-suespost, illi l-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti ghax-xoghol u spare parts fornuti minnhom fuq il-vettura numru LCB 159 huwa ezagerat ghal kollox.

8. Illi invista tal-premess, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti ghandhom jigu kollha michuda bl-ispejjez.

**Risposta Guramentata tas-socjeta' intimata Atlas insurance PCC Limited.**

1. Illi l-esponenti m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti.

2. **Illi minghajr pregudizzju ghall-premess**, l-esponenti tirrileva illi fid-29 ta' Jannar 2007 fi Triq il-Belt Valletta, Hat-Attard, sehh incident awtomobilistiku bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBD 429, proprjeta` ta' Demajo Group of Companies u assikurata mas-socjeta` esponenti b'polza fully comprehensive, u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCB 159, misjuqa mill-intimat Kurt Galea Pace.

3. Illi s-socjeta` esponenti mill-bidu nett ikkontestat ir-responsabilita` tal-assikurat taghha u tax-xufier ghall-incident fuq referit. Tant hu hekk, illi s-socjeta' esponenti fethet proceduri quddiem ic-centru Malta tal-Arbitragg fid-29 ta' Jannar 2009 kontra l-intimat Kurt Galea Pace, b'notifika lill-assikurazzjoni tieghu Middlesea Insurance plc [Bonnici Insurance Agency Limited], fejn qed izommu responsabbli ghall-incident fuq riferit u qed titlob l-kundanna tieghu ghall-hlas li garrbet bhala konsegwenza tal-imsemmi incident.

4. Illi l-intimat Kurt Galea Pace kien assikurat mas-socjeta' Middlesea Insurance plc [Bonnici Insurance Agency Limited] skond polza third party. Ghaldaqstant, kif inhi l-prassi bejn il-kumpanniji tal-assikurazzjoni, is-socjeta` esponenti hejjiet survey report **minghajr pregudizzju** fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCB 159.
5. Ghaldaqstant, is-socjeta` esponenti qatt ma tat struzzjonijiet lis-socjeta` rikorrenti sabiex jibdew xogholijiet ta' tiswija fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCB 159. Kien filfatt l-intimat Kurt Galea Pace li ta struzzjonijiet lis-socjeta` rikorrenti sabiex jibdew xogholijiet fuq din il-vettura u dan kif ser jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kawza.
6. Ghalhekk, it-talbiet tar-rikorrenti kontra s-socjeta' esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u m'hemmx lok ghall-kundanna tal-istess socjeta' esponenti ghall-hlas tax-xogholijiet kif mitlub.

**Konsiderazzjonijiet**.

Wara li l-qorti semghet il-provi u rat l-atti tosserva li fir-rigward ta':

i. **Carmelo Sammut** – hu minnu li l-vettura kienet registrata f'isem dan il-konvenut. Madankollu hu wkoll minnu li rrizulta li:-

**(a)** Sammut ma ta l-ebda struzzjonijiet lill-attrici biex taghmel tiswijiet fuq il-vettura, u lanqas kien jaf li din kienet involuta f'incident u li kienet ittiehdet ghat-tiswija ghand l-attrici.
**(b)** Qabel sehh l-incident sar negozju bejn Sammut u Galea Pace, b'dan tal-ahhar jakkwista l-vettura[2]. Il-fatt li sa dakinhar kien ghadu ma sarx it-trasferiment, ma jfissirx li n-negozju ma sehhx. Fil-fatt

[2] Galea Pace stess ikkonferma li:- *"Minn wara wara l-habta bqajt inhallas lil Sammut u jiena hallastu il-prezz li konna ftehemna fuqu."* (fol. 89).

irrizulta wkoll li wara li ssewwiet il-vettura, kien Galea Pace li biegh il-vettura ghand Paul & Rocco[3]. Sahansitra fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta Galea Pace[4], jaccetta li Sammut m'ghandu l-ebda repsonabbilta ghall-hlas.

**(c)** Ghalkemm fil-premessi tar-rikors guramentat l-attrici allegat li l-vettura hi registrata f'isem il-konvenut Sammut u ghalhekk *"....qieghed igawdi indebitament wkoll mix-xoghol effettwat mis-socjeta esponenti."*, ma nghatat ebda prova ta' dan. Ir-registrazzjoni biss ta' vettura f'isem ta' persuna, ma jfissirx awtomatikament li dik il-persuna tiehu beneficcju jekk issir tiswija fuq il-vettura. Anzi f'dan il-kaz irrizulta kif Sammut ma kienx ghad fadallu interess fil-vettura, ghalkemm kienet ghadha registrata f'ismu. Il-vettura ttiehdet minn Galea Pace u jekk hemm xi hadd li gawda mix-xoghol li sar fuq il-vettura, hu biss dan il-konvenut.

ii. **<u>Atlas Insurance PCC Limited</u>** – mill-provi rrizulta li:-

**(a)** Hu minnu li din il-konvenuta inkarigat surveyor biex jaghmel survey report tal-hsarat li garrbet il-vettura. Madankollu dan sar bla pregudizzju[5]. Hu maghruf li normalment hekk jigri. Fis-survey report stess jinghad: ***"Note: Invoice/Recepit to be issued on the name of the vehicle owner"***, li hu dikjarat li hu Kurt Galea Pace.

**(b)** Hadd mix-xhieda li ressqet l-attrici[6] ma ddikjara li Atlas Insurance kienet ikkonfermat li ser taghmel tajjeb ghall-ispejjez ghax-xiri tal-parts u tiswija. Anzi huma qalu li l-hlas kellu jsir minn Kurt Galea Pace. Sahansitra f'email datata 6 ta' Lulju 2007 mibghuta minn Godwin Buttigieg[7] lil Joseph Debono, ufficjal tal-kumpannija attrici, infurmah *"Further to our telephone*

---

[3] Ara deposizzjoni ta' Galea Pace – seduta 5 ta' Dicembru 2011.
[4] Fis-6 ta' Lulju 2012 (ara paragrafu numru 7).
[5] Ara deposizzjoni ta' Tarcisio Mercieca (seduta 26 ta' Marzu 2012). Fis-survey report stess (fol. 49) jinghad li sar *"Without Prejudice"*.
[6] Joseph Debono, Pierre Tanti u Noel Scicluna. Sahansitra in kontro-ezami Pierre Tanti xehed: *"Fuq il-kaz in kwistjoni kelli komunikazzjoni mas-surveyor tal-assikurazzjoni, certu Tarcisio Mercieca. Nghid illi x-xoghol ma kienx awtorizzat la mis-surveyor u lanqas mill-assikurazzjoni, fis-sens illi ser ihallsu huma."* (fol. 100).
[7] *Claims Handler* li kien jahdem ma' Atlas Insurance.

*conversation, please note that this Survey is still without prejudice."*.

**(c)** Jirrizulta wkoll li l-uniku kont mahrug mill-attrici kien lil Kurt Galea Pace u hadd iktar.

**(d)** Ghalkemm Galea Pace xehed: *"Mort ghand it-Toyota, u tkellimt mal-Manager. Minghalija kien certu Philip. Staqsejtu x'kien se jsir mill-vettura, u qalli li l-insurance kienet ser tiehu hsieb taghmel tajjeb ghall-ispejjez."*[8]. Din il-verzjoni ma gietx konfermata minn Philip Tanti, u anzi qal:- *"Din damet ghandna xi xahrejn jew tlieta qabel ma bdejna x-xogholijiet. Domna daqshekk billi ma kienx car sa dak inhar min kien ser ihallas ghax-xogholijiet. Jidher li l-assikurazzjoni tat-third party ma rieditx thallas pero ghal liema raguni jiena ma nafx. Billi s-sitwazzjoni kienet gejja fit-tul Kurt Galea Pace kien qalli li kien ser jidhol responsabbli hu ghall-hlas u li f'dak il-kaz kien jiehu hsieb hu li jigbor il-flus mill-insurance."*[9].

**(e)** L-uniku prova li hemm, u li b'xi mod tista' torbot lil Atlas Insurance mal-attrici, hi l-verzjoni ta Galea Pace. Pero dan m'huwiex bizzejjed meta tikkunsidra dak li xehedu l-impjegati tal-attrici.

**(f)** Ghalkemm fir-rikors guramentat jinghad li x-xogholijiet kienu gew awtorizzati minn Atlas Insurance permezz tas-surveyor li kien spezzjona l-vettura, dan ma jfissirx li kien hemm xi ammissjoni min-naha tal-kumpannija assiguratrici. Is-survey report sar bla pregudizzju, u m'hemm l-ebda prova li hu ta xi struzzjonijiet biex isir ix-xoghol. Ix-xhieda li ressqet l-attrici stess juru kemm dak allegat fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat, m'huwiex minnu.

**(g)** Minn kliem Galea Pace jidher li qatt ma kellu kuntatt ma' Atlas Insurance, u qed jibbaza d-difiza fuq dak li allegatament qalulu l-impjegati tat-Toyota.

**(h)** Jirrizulta li Galea Pace kien ikkomunika mal-assiguraturi tieghu, tant li jghid li kien gharrafhom meta beda x-xoghol fuq il-vettura; *"Li Bonnici kellmu lil Atlas*

---

[8] Fol. 88.

[9] Fol. 7. In kontro-ezami rega' kkonferma: *"Kurt Galea pace kien qal lili personalment illi kien ser ihallas hu ghax-xoghol illi konna ser naghmlu."* (fol. 100).

*naf. Pero' Bonnici qatt ma qaluli lili li Atlas bhala assiguraturi tal-vettura l-ohra, kienu accettaw it-tort."*[10].

iii. **Kurt Galea Pace** – hu minnu li kif tlesta x-xoghol, fl-4 ta' Gunju 2007 Galea Pace hareg il-vettura minghajr ma ntalab ihallas. Dwar x'wassal ghal dan inghataw verzjonijiet kontrastanti. Madankollu l-verzjoni li nghatat minn Galea Pace m'hijiex korraborata. Hu veru li l-kont inhareg f'isem Galea Pace fil-31 ta' Lulju 2007[11] filwaqt li ha l-vettura fl-4 ta' Gunju 2007, pero dan il-fatt ma jfissirx li Atlas Insurance ghandha xi obbligu li thallas jew li kien hemm xi weghda li ser thallas. Hu minnu wkoll li mill-provi baqa' ma rrizultax kif il-vettura spiccat fil-garaxx tat-Toyota, gialadarba fl-incident Galea Pace weggha u gie rikoverat l-isptar. Il-qorti tistqarr li taraha stramba kif l-ufficjali tat-Toyota setghu qalu lil Galea Pace, kif qieghed jallega, li l-hlas ser isir minn Atlas meta jidher li sa mill-bidunett kienet qeghda tikkontesta xi responsabbilta min-naha tax-xufier assigurat minnha[12]. Indikazzjoni dwar l-istat ta' incertezza min-naha tal-attrici dwar min kien ser jaghmel tajjeb ghall-ispejjez, hu l-fatt li l-job card tal-parts li kien hemm bzonn li jigu ordnati u x-xoghol li kellu jsir fuq il-vettura, infethet fit-28 ta' Marzu 2007, cjoe kwazi xahrejn wara li l-vettura ddahhlet il-garaxx tal-attrici. Kien f'dak l-istadju li saret l-ordni tal-parts. Ma jirrizultax li matul dak l-intervall kien gara xi haga li seta' wassal biex Atlas Insurance taccetta li l-assigurat taghha kien responsabbli u li kien ser taghmel tajjeb ghall-ispejjez. Cirkostanza li ssahhah il-fehma tal-qorti li l-verzjoni li ta Pierre Tanti ghandha mis-sewwa[13].

---

[10] Fol. 90.

[11] Fol. 43.

[12] F'email datata 8 ta' Frar 2007 mibghuta lill-ufficjali ta' Bonnici Insurance jinghad: *"Attached please find the relavant photographs in relation to the above mentioned claim. I trust that you ill surely realise that your insured is to be held fully responsible for this traffic accident and thus we look forward to your acceptance of liability."* (Dok. SC2 prezentat mix-xhud Steve Conti fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2012).

[13] *"Billi s-sitwazzjoni kienet gejja fit-tul Kurt Galea Pace kien qalli li kien ser jidhol responsabbli hu ghall-hlas u li f'dak il-kaz kien jiehu hsieb hu li jigbor il-flus mill-insurance. Jiena spjegajtlu li ahnra ridna nkunu certi dwar min kien ser jaghmel tajjeb ghall-ispejjez u hu kkonferma li kien ser ihallas hu."* (fol. 7).

Fin-nota ta' sottomissjonijiet Galea Pace issostni li l-ammont li qeghda titlob l-attrici hu zbaljat ghaliex mis-survey report l-ispejjez kellhom ikunu Lm4,950.27 (€11,531), u ghalhekk l-ammont ta' €12,195.25 hu ezagerat. Il-qorti tosserva li s-survey hu biss stima, u ma kien hemm l-ebda ftehim li jorbot.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-**

**1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Carmelo Sammut u tichad it-talbiet attrici fil-konfront ta' dan il-konvenut. Spejjez ta' Sammut ghandha taghmel tajjeb ghalihom l-attrici.**
**2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' Atlas Insurance PCC Limited u tichad it-talbiet attrici fil-konfront ta' din il-konvenuta. Spejjez tal-kumpannija konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghalihom l-attrici.**
**3. Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Kurt Galea Pace u tilqa' t-talbiet attrici. Ghalhek tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma ta' tnax-il elf mija u hamsa u disghajn ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€12,195.25). Spejjez, salv ghal dawk li jinghad hawn fuq, a karigu tal-konvenut Galea Pace.**

**Bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat lil Galea Pace**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------